MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 909/2006

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**Vs**

**Raymond Grima**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta’ Ottubru 2006, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn, tnejn u sittin Liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm262.91), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-interessi u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-28 ta’ Mejju 2007, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn, tnejn u sittin Liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm262.91), bl-interessi kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------